# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA, 3 TA' APRIL, 2001**

*Avviz. Nru 1063/00 AJD*

Joseph Pulis

vs

Maria Stella Vella

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Lulju, 2000, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur somma li trid tigi likwidata minn dan it-Tribunal rappresentanti hsarat ikkagunati mill-konvenuta fil-garage 13, No. 44, Isouard Street, Marsa, propjeta' tal-attur.
Bl-ispejjes, u bl-imghax kontra l-konvenuta.

Ghal finijiet ta' kompetenza gie dikjarat li d-danni reklamati ma jeccedux il-mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250.00).

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta fejn din eccepiet:

1. Illi t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.
2. Illi salv il-premess, hemm kawza pendenti kontra l-intimata quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li l-ezitu taghha tista' tinfluwixxi fuq il-kawza odjerna.
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra li l-konvenuta nonostante li prezentat ir-risposta taghha, baqghet ma resqitx provi in sostenn tal-kontenut tal-imsemmija risposta.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Maria Lourdes Pulis, tal-Perit Charles Cassar. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti fosthom l-affidavit tal-Perit Martin J. Debono minn fejn jirrizulta li d-danni sofferti mill-attur jammontaw ghal mitejn lira Maltin (Lm200.00).

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR